# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Marzu, 2002

## Avviz numru : 2/2002GT(GM)

Joseph Axiaq
-vs-
Gatt Arredamenti Ltd

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"L-attur xtara sink tal-kcina fl-ammont ta' Lm 125. Irrizulta li dan is-sink unit kien difettus u l-attur irritornah. Il-kumpanija konvenuta accettatu lura minghajr ma rrifondiet lil-attur il-prezz."

Is-socjeta' konvenuta ma pprezentatx risposta izda fis-seduta li saret fit-30 ta' Jannar 2002 deher Frans Gatt, wiehed mid-diretturi taghha.

It-Tribunal;

Sema' d-deposizzjonijiet tal-attur kif ukoll tal-istess Frans Gatt.

Ikkunsidra

Illi Gatt fix-xhieda tieghu sostna li d-difett fis-sink in kwistjoni kien kawza ta' *mishandling* filwaqt illi l-attur isostni li rcevieh f'dak l-istat. It-Tribunal ghalhekk ghandu l-kompitu odjuz li jara liema minn dawn iz-zewg verzjonijiet timmerita li titwemmen. Jirrizulta mix-xhieda tal-attur li mar bis-sink minn Ghawdex ghal Malta fis-sede tan-negozju tas-socjeta' konvenuta; sab lil bin Gatt li qallu biex jistenna sabiex jibdluhulu; imbaghad qallu li fl-istores ma kien hemm hadd min ibiddel is-sink; u fl-ahharnett Gatt offra li l-attur jigi rifuz nofs il-prezz minflok il-prezz kollu. Dan l-agir tas-socjeta' konvenuta ma jindika xejn ghajr li hija accettat li d-difett kien jezisti minn meta saret il-konsenja tas-sink. Di piu', is-sink difettuz baqa' fil-pussess tas-socjeta' konvenuta li ma ddepozitatux skond il-ligi biex tehles mir-responsabilita'.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fl-avviz u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' LM125 rifuzjoni tal-prezz imhallas.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) Mary Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur